# Il-Kult ta' San Ġorġ fil-Gżejjer Maltin u fl-Italja

Miktuba minn Graziella Farrugia B.A. Hons PGCE

Meta wieħed isemmi lil San Ġorġ, ma jistax ma jsemmix ukoll il-qima kbira li dan il-qaddis igawdi mhux biss fostna il-Qormin imma anke fost l-Għawdxin u bliet kbar fl-Italja. Waqt li kont qiegħda nagħmel it-teżi tiegħi dwar il-kult li l-qaddis patrun tagħna igawdi f'Malta u anke fl-Italja iltqajt ma' ħafna affarijiet interessanti li żgur ħafna jieħdu pjacir isiru jafuhom. Inkitbu ħafna kotba dwar il-ħajja u l-fidi ta' San Ġorġ imma fatt interessanti li sibt jien dwar il-qima lejn dan il-qaddis huwa l-għadd numerevoli ta' poeżiji u talb li nkitbu għal dan il-qaddis.

Jeżistu diversi tipi ta' talb, fosthom: talb biex dan il-qaddis ikun il-protettur ewlieni, talb ta' tfal meta jirċievu l-ewwel tqarbina, talb għall-fejqan minn xi marda partikolari u biex itihom il-kuraġġ meħtieġ fil-ħajja problematika tall-llum u ħafna oħrajn.

Hemm ukoll għadd ta' paniġierċi miktubin apposta għall-festa ta' San Ġorġ. Dawn kollha jiddeskrivu l-kuraġġ li kellu dan il-qaddis qalbieni matul ħajtu. Juru biċ-ċar in-nuqqas ta' biża' li kellu San Ġorġ u r-rebħa li għamel fuq il-ħazen. Biex juru dan kollu insibu għadd ta' pitturi madwar Malta u Għawdex li jfakkruna fil-kobor ta' dan il-qaddis. Il-Knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi hija miżgħuda b'pitturi ta' dan il-qaddis importanti. Il-koppla turi xena sabiħa li tirrappreżenta l-għajnuna li ta San Ġorġ lil Maltin waqt l-Assedju l-Kbir. Xeni oħrajn fl-istess knisja juru xeni mill-ħajja ta' San Ġorġ.

Fil-Kappella ta' Ħal Millieri jinsabu żewġ affreski li biż-żmien tilfu ftit mill-valur tagħhom. Dan għaliex huma impittrin fuq il-ħajt, u billi l-ħajt biż-żmien tqaxxar ftit, telqu xi ftit mid-dettalji tal-affreski. Però waħda mill-isbaħ pitturi ta' San Ġorġ hija dik li hemm fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta, kapulavur ta' Mattia Preti.

Diversi postijiet ġo l-Italja jonoraw lil San Ġorġ u jiċċelebraw il festa tiegħu. Hu meqjus bħala wieħed mill-qaddisin ewlenin tal-Italja. Filfatt jekk naraw il-paniġierċi li għandna hawn Malta huma miktubin bil-lingwa Taljana minn sacerdoti taljani. Fihom jiġi meqjum San Ġorġ u mfaħħra r-reliġjon tiegħu. Tiġi rakkuntata il-ħajja tiegħu u d-diffikultajiet li kellu jgħaddi minnhom biex jiddefendi r-reliġjon tagħna.

Tajjeb li nsemmu wkoll li diversi postijiet fl-Italja jgħożżu b'qima kbira lil dan il-qaddis tant li għandhom numru ta' poeżiji li jfaħħru l-qawwa ta' San Ġorġ. F'belt ġewwa Ruma, għall-okkażjoni ta' San Ġorġ, jippreparaw tip ta' ħelu partikolari: "pigne", li huwa tip ta' gallettina ftit kbira. Din tkun magħmula mid-dqiq, bajd, żejt u zokkor. Jingħad li din il-gallettina hija magħmula għaż-żgħar, għat-23 t'April. F'din il-ġurnata diversi familji jmorru fuq l-għolja ta' San Ġorġ, jqattgħu ġurnata hemm jieklu dawn it-tip ta' gallettini.



Qabel ma bdejt nagħmel dan l-istudju tiegħi ma kontx naf ċertu dettalji speċjalment kemm San Ġorġ hu għal qalb ħafna nies l-Italja mhux biss Malta u Għawdex. Infatti il-parti kbira tax-xogħol li jien analizzajt kien miktub b'lingwa Taljana. Però l-iktar ħaġa sabiħa li tajjeb li kulħadd għandu jkun jaf fuq dan il-qaddis hija li hu ħalla kollox warajh biex imur jiġġieled kontra il-ħazen.